

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

8.10.2008

0085/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Mikel Irujo Amezaga, Ines Ayala Sender

dwar l-adozzjoni universali tal-Karta ta' Zaragoza bħala prova tal-impenn favur l-ilma

Data ta' skadenza: 22.1.2009

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-adozzjoni universali tal-Karta ta' Zaragoza bħala prova tal-impenn favur l-ilma**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Wirja Internazzjonali ddedikata għall-Ilma u l-Iżvilupp Sostenibbli, u t-tribuna tal-ilma tagħha, kienu l-akbar eżerċizzju ta' riflessjoni dwar l-ilma u s-sostenibilità li qatt sar, bil-parteċipazzjoni ta' esperti, rappreżentanti pubbliċi u s-soċjetà ċivili, fuq livell globali,
- B. billi l-UE kellha rwol prominenti għall-intensità u l-kwalità tal-kontributi u l-iskambji li fihom ipparteċipat, flimkien mal-Istati Membri u l-esperti differenti li pparteċipaw,
- C. billi, bħala riżultat ta' dan id-dibattitu, il-Karta ta' Zaragoza tiġbor fiha serje ta' rakkomandazzjonijiet - universali u għall-awtoritajiet pubbliċi, l-utenti u ċ-ċittadini kollha - sabiex ikunu ffaċċjati l-isfidi li tippreżenta riżorsa limitata fil-kuntest ta' żvilupp aċċellerat, ħsarat min-naħa tal-bniedem, theddidiet għall-ambjent u l-bidla fil-klima, li jagħtu spinta lill-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, bl-implikazzjoni ta' appoġġ għal-leġislazzjoni u l-politiki Komunitarji fil-kwistjoni u orjentazzjoni prezzjuża tal-azzjoni fil-politika ta' koperazzjoni u żvilupp tal-Unjoni,
- 1. Jitlob lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex jadottaw formalment il-Karta ta' Zaragoza bħala punt ta' referenza għall-formulazzjoni u l-applikazzjoni ta' politiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ilma fl-ambiti ta' kompetenza rispettivi tagħhom;
- 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.